MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 2703/1999/2

***"A"* f'isimha proprio u li b'digriet tal-Qorti tas-6 t'April 2000 giet nominata bhala kuratrici *ad litem* tat-tfal minuri *"B"* u *"C"*.**

**vs.**

***"D"*.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 15 ta' Dicembru 1999 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-18 ta' Settembru 1986 (ara Dok. 'A');

Illi mill-imsemmi zwieg kellhom iz-zewgt itfal minuri ***"B"*** u ***"C"*** (ara Dok. 'B' u 'C');

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati *di fronte* ta' l-attrici ta' mohqrija, minacci, theddid u ngurji gravi u *di piu`* z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbli;

Illi l-attrici giet awtorizzata li tipprocedi bl-istanti kontra l-konvenut permezz ta' digriet datat 16 ta' Novembru 1999 numru 1533/99 (ara Dok . "D");

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet unikament imputabbli ghalih u dan kif spjegat aktar 'il fuq;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-ulied minuri fuq imsemmija somma in linja ta' manteniment fit-termini ta' l-**artikolu 54 tal-Kap 16;**

**3.** Taffida l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri f'idejn l-attrici b'access ghall-konvenut u dan fit-termini ta' **artikolu 56 tal-Kap 16;**

4. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti u komminazzjonijiet previsti mill-**artikolu 48 tal-Kap 16** u dan sa fejn applikabbli;

5. Tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-Komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tenut kont ta' dak li jistabbilixxi **l-artikolu 55 tal-Kap 16**, u dan billi tiddividiha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u *ope sententiam* tassenja parti lill-attrici u parti lill-konvenut.

6. Tiddikjara li sakemm it-tfal minuri ***"B"*** u ***"C"***, it-tnejn li huma, jottjenu l-eta` maggorenni, l-attrici tibqa` tghix fid-dar konjugali ***"E"***, ad eskluzzjoni tal-konvenut.

7. Tawtorizzaha tircievi ghal kunjom xbubita u cioe` ***“F”*** u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotazzjoni relattiva.

Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-sibuzzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 8 tal-process;

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tal-1 ta’ Marzu 2000 a fol 9 tal-process fejn appunta l-kawza ghas-smiegh ghad-19 ta’ Mejju 2000.

Rat ir-rikors ta’ ***“A”*** (1) datat 15 ta’ Dicembru 1999 a fol 12 tal-process fejn talbet lill-Qorti biex joghgobha tahtarha kuratrici *ad litem* biex tipprezenta lill-uliedha minuri ***“B”*** u ***“C”*** fil-kawza fuq imsemmija u l-atti l-ohra kollha sussegwenti u relattivi ma’ l-istess. Il-Qorti ordnat fid-digriet taghha tat-2 ta’ Frar 2000 biex qabel xejn issir notifika lill-kontro-parti b’erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat id-digriet tal-Qorti tas-6 ta’ April 2000 a fol 14 tal-process fejn rat li peress li ma’ giet ipprezentata l-ebda risposta hija laqghet it-talba kif dedotta.

Rat in-nota ta’ Dr Lorraine Schembri Orland datata 17 ta’ Marzu 2000 li biha informat lill-Qorti li hija assumiet il-patrocinju ta’ l-attrici.

Rat il-verbal tal-Qorti kif diversament presjeduta a fol 18 tal-process fejn l-attrici ghal kull *bon fini* tat ruhha b’notifikata bl-avviz tas-smiegh. Il-konvenut kien ghadu mhux notifikat minkejja illi Dr Schembri Orland irriservat li tiehu passi necessarji *in vista* tal-mod kif inhi imnizzla r-riferta. Il-kawza giet differita ghat-23 ta’ Gunju 2000.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici (2) datat 29 ta’ Mejju 2000 a fol 18a tal-process fejn talbet lill-Qorti joghgobha tawtorizzaha

tirrisjedi separatament mir-ragel *pendente lite* u b'riserva ta' kull jedd lilha spettanti rigward id-dar matrimonjali.

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 1 ta' Novembru 2000 a fol 18c u 18d tal-process.

Rat il-verbal tat-23 ta' Gunju 2000 fejn il-kawza giet differita ghall-11 ta Gunju 2000.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-30 ta' Gunju 2000 a fol. 22 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok jirrileva li mhux qed jopponi t-talba attrici li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti, u dan anke` in vista tal-fatt li saru xi tentattivi sabiex is-separzzjoni issir b'mod bonarju.

2. Illi kuntrarjament ghal dak mitlub fit-talbiet attrici, l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet giet reza mpossibbli kagun ta' l-attegjament ta' l-attrici, u l-htija tal-firda hija unikament imputabbli lill-attrici, *stante* mohqrija, minacci u ingurji gravi da parti ta' l-attrici fil-konfront tal-konvenut.

3. Illi *inoltre*, l-attrici rrendiet ruha hatja ta' adulterju, u qieghda prezentament tghix hajja adultera, u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi ghar-ragunijiet premessi, l-attrici mhix intitolata ghall-manteniment fir-rigward taghha, u b'mod partikulari *stante* li l-istess attrici ghandha impjieg fiss, u il-manteniment ghat-tfal minuri ghandu jigi stabbilit skond il-mezzi finazjarji ta' l-istess konvenut .

5. Illi *inoltre* l-kunsens tal-konvenut m'ghandux jitghabba bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri *stante* li l-htija tal-firda huma mputabbli unikament mill-attrici.

6. B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut/i a fol. 23 u 24 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta tal-11 t'Ottubru 2000 u tal-11 ta' Dicembru 2000 fejn giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr Deborah Huber biex tigbor il-provi u l-kawza giet differita ghat-2 ta' Mejju 2001.

Rat in-nota ta' l-**attrici *"A"*** datata 30 ta' April 2001, li permezz taghha pprezentat dokumenti u l-affidavits taghha, u ta' ***"G"*** u ***"H"*** a fol 30 sa 50 tal-process.

Rat il-verbal tal-Qorti kif diversament presjeduta tat-2 ta' Mejju 2001 (fol. 51) fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi qed jingabru u l-kawza giet differita ghat-13 ta' Novembru 2001.

Rat ir-rikors tal-konvenut (1) ***"D"*** datat 4 ta' Mejju 2001 fejn talab lill-Qorti joghgobha tipprefeggilu *pendente lite* t-termini ta' l-access tal-esponenti fil-konfront tal-minuri ***"B"*** u ***"C"***, u dan *in vista* tal-fatti illi l-attrici qed ixxekkel u ttellef lill-esponenti milli jezercita dan id-dritt.

Rat ir-risposta u d-dokumenti mehmuza ta' l-attrici datata 4 ta' Gunju 2001 a fol 56 sa 60 tal-process.

Rat id-digriet tat-28 ta' Jannar 2002 tal-Qorti kif presjeduta fejn laqghet it-talba b'dan li l-konvenut inghata access ta' darbtejn fil-gimgha fic-Centru Hidma Socjali Santa Venera, bis-supervizzjoni ta' *social worker* mill-istess Centru f'hinijiet li jigu ffissati mill-istess Direttur tac-Centru Hidma Socjali, u din il-Qorti ordnat komunika ta' dan id-digriet lid-Direttur tac-Centru Hidma Socjali.

Rat il-verbal  tat-13 ta' Novembru 2001 fejn il-Qorti kif diversament presjeduta giet infurmata li l-provi qed jingabru b'mod regolari u l-kawza giet differita  ghall-21 ta' Marzu 2002.

Rat ir-rikors ta' l-attrici (3) datat 5 ta' Marzu 2002 fejn talbet lill-Qorti sabiex tawtorizzaha tressaq ix-xhieda ta' ***"J"*** fl-atti tal-kawza premessa.

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 18 ta’ Marzu 2002 a fol 69 tal-process.

Rat id-digriet tal-20 ta’ Marzu 2002 a fol 70 tal-process fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 6 ta’ Marzu 2002 a fol 71 u 72 tal-process li permezz taghha esebiet l-affidavit ta’ ***“I”*** (Dok. “GB1”).

Rat in-nota tas-*social worker* Norbert Cilia fi hdan l-Agenzija Appogg li permezz taghha pprezenta rapport datat 26 ta’ Frar 2002, kif lilu ordnat mill-Qorti.

Rat ir-rapport tas- *social worker* Norbert Cilia a fol 75 sa 78 tal-process.

Rat il-verbal tal-Qorti kif diversament presjeduta tal-21 ta’ Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghall-20 ta’ Gunju 2002.

Rat ir-rikors tal-konvenut (2) ***“D”*** datat 22 ta’ Marzu 2002 a fol 80 tal-process fejn talab lill-Qorti testendi l-effett tad-digriet taghha datat 28 ta’ Jannar, u dan ghar-ragunijiet taghha.

Rat id-digriet tas-27 ta’ Marzu 2002 a fol 81 tal-process fejn il-Qorti laqghet it-talba u estendiet l-istess digriet tat-28 ta’ Jannar 2002 b’dan ir-rikorrenti ghandu jaghmel dak kollu necessarju sabiex l-access b’supervizjoni jsehh.

Rat in-nota ta’ l-attrici datat 9 ta’ Mejju 2002 li permess taghha esebiet l-affidavit ta’ ***“J”*** (fol 84 u 85).

Rat in-nota tas-*social worker* Norbert Cilia datata 30 ta’ Mejju 2002 fejn biha pprezenta rapport datat 13 ta’ Mejju 2002, kif lilu ordnat mill-Qorti.

Rat ir-rapport tas-*social worker* Norbert Cilia datat 13 ta’ Mejju 2002 a fol 87 sa 90 tal-process.

Rat il-verbal tal-20 ta’ Gunju 2002 fejn il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju tiffissa erba’ seduti ghall-provi kollha attrici. Il-Qorti ordnat ukoll li jkompli l-access b’supervizzjoni tas-*social worker* Anna Scolaro a spejjez provvizzorjament ghall-konvenut u dan ghal zmien ta’ sittin gurnata, b’dan li tali access m’ghandux jikkonfliggi ma’ l-ezamijiet ta’ l-iskola. Il-kawza giet differita ghat-22 ta’ Jananr 2003 biex l-Assistent Gudizzjarju tesplita l-inkarigu taghha.

Rat ir-rikors ta’ l-Agent Direttur Dipartiment ghall-Harsien tal-Familja datat 5 ta’ Lulju 2002 a fol 96 tal-process, fejn talab lill-Qorti sabiex fid-dawl ta’ dak li nqal tezenta lis-*social worker* Anna Scolaro mill-inkarigu lilha moghti.

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 26 ta’ Awissu 2002 fejn fic-cirkostanzi, irremetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti.

Il-Qorti bid-digriet taghha tas-26 ta’ Awissu 2002 issustitwixxiet lis-*social worker* Therese Micallef minflok Anna Scolaro.

Rat ir-rikors (4) u d-dokument mehmuz ta’ l-attrici datat 8 ta’ Awissu 2002 a fol 102 u 103 tal-process fejn talbet lill-Qorti biex joghgobha tawtorizza tharrek bhala xhud rapprezentanti tal-Polidino Group sabiex jixhdu dwar l-impjieg u d-dhul tal-konvenut konsistenti f’salarju, *bonuses* u *commissions* u xhieda ohra rilevanti ghall-impjieg tieghu.

Rat id-digriet tal-Qorti tad-9 ta’ Awissu 2002 a fol 104 tal-process fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta. Il-Qorti rat li ma gietipprezentata l-ebda risposta u b’digriet taghha tat-12 ta’ Novembru 2002 laqghet it-talba.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici (5) datat 15 ta’ Ottubru 2002 a fol 107 tal-process fejn talbet lill-Qorti sabiex joghgobha tawtorizzaha tipproduci lill-rapprezentant tal-banek lokali skond il-provvedimenti li joghgobha taghti din il-Qorti.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta’ Ottubru 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba u ezentat lix-xhud mis-sigriet professjonali b’dan li x-xhieda tieghu tkun disponibbli biss lill-partijiet, difensuri, Perit Legali jew Assistent Gudizzjarju u lill-Qorti.

Rat ir-rikors tal-konvenut (3) datat 14 ta’ Novembru 2002 a fol 111 tal-process fejn l-esponenti talab informazzjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija, bhala xhud indikat, dwar l-introjtu ta’ l-attrici mill-impjieg taghha bhala Ufficjal fi hdan il-Korp tal-Pulizija.

Rat id-digriet tat-18 ta’ Novembru 2002 a fol 112 tal-process fejn il-Qorti ordnat n-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat id-digriet tal-31 ta’ Jannar 2003 a fol 114 tal-process fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat in-nota tal-**konvenut *“D”*** datata 14 ta’ Jannar 2003 a fol 117 sa 122 tal-process li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu.

Rat il-verbal tat-22 ta’ Jannar 2003 fejn b’ordni tal-Qorti l-kawza giet differita ghad-29 ta’ Jannar 2003.

Rat ir-rikors tal-konvenut (4) datat 27 ta’ Jannar 2003 a fol 126 tal-process fejn talbet lill-Qorti joghgobha tawtorizzah jipproduci x-xhieda ta’ ***“K”*** u ***“L”***.

Rat ir-risposta ta’ l-attrici datata 20 ta’ Gunju 2003 a fol 130 tal-process u l-Qorti laqghet it-talba b’dan li tali xhieda ghandhom jinstemghu f’seduti f’Lulju 2003.

Rat il-verbal tad-29 ta’ Jannar 2003 a fol 132 tal-process fejn inghata digriet ta’ l-affidavits lill-konvenut b’terminu ta’ erbghin (40) jum. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Deborah Farrugia biex wara tali terminu tiffissa erba’ seduti ghall-provi kollha li fadal fil-mori tad-differiment u wara tirritorna l-process. Il-Qorti ezentat lix-xhieda tal-Banek u lill-Kummissarju tal-Pulizija mis-sigriet professjonali u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-3 ta’ Dicembru 2003.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici (6) datat 20 ta’ Marzu 2003 a fol 142 u 143 tal-process fejn talbet lill-Qorti sabiex joghgobha tawtorizzaha tipprocedi lill-HSBC Bank plc biex jixhdu dwar depoziti u facilitajiet bankarji, investiment u *ATM services* f’isem il-konvenut bl-estensjoni mis-sigriet professjonali skond il-Ligi. Il-Qorti laqghet it-talba u ezentat l-istess xhieda mis-sigriet professjonali, b’dan li tali xhieda tkun disponibbli biss lill-partijiet, lid-difensuri tal-partijiet, lill-Perit Legali u/jew lill-Assistent Gudizzjarju u lill-Qorti.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici (7) datat 20 ta’ Marzu 2003 a fol 147 tal-process fejn l-esponenti talbet lill-Qorti biex tordna il-hrug ta’ mandat ta’ akkompanjament ghax-xhud ***“M”*** ghas-seduta li jmiss fid-7 ta’ Mejju 2003 quddiem Dr. Deborah Farrugia ghall-iskop imsemmi. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li jinhareg Mandat ta’ Skorta ghas-seduta li jmiss quddiem il-Perit Legali jew Assistent Gudizzjarju.

Rat ir-rikors (5) bid-dokumenti mehmuza tal-konvenut datat 29 ta’ Mejju 2003 a fol 154 u 155 tal-process fejn fic-cirkostanzi l-esponenti talab lill-Qorti sabiex tezenta lill-istess esponenti milli jhallas manteniment ghall-minuri u dan sakemm l-istess esponenti jerga’ jsib xoghol, u dan taht kwalunkwe provvediment lil din il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportun li taghti. Il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta’ l-attrici datat 20 ta’ Gunju 2003.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-23 ta’ Gunju 2003 fejn wara li hadet in konsiderazzjoni dak kollu kontenut fl-istess atti processwali ta’ dan ir-rikors, cahdet it-talba.

Rat in-nota guramentata ta’ l-attrici u d-dokumenti mehmuza a fol 171 sa 191 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici (8) datat 26 ta’ Settembru 2003 a fol 193 tal-process fejn l-esponenti talbet lill-Qorti sabiex joghgobha tawtorizza u tordna lill-Ispettur ***“N”*** sabiex jixhed dwar ic-cirkustanzi li wasslu ghall-

arrest/investigazzjoni ta' l-intimat u dwar dettali ohra rilevanti, u ghal dan il-ghan jigi ezentat mill-obbligu ta' sigriet professjonali. Il-Qorti laqghet it-talba u dan b'digriet tad-29 ta' Settembru 2003.

Rat ir-rikors ta' l-attrici (9) datat 23 ta' Ottubru 2003 a fol 197 tal-process fejn talbet lill-Qorti sabiex joghgobha tawtorizza lill-Assistent Gudizzjarju biex tiffissa dawn l-ahhar zewg seduti ghall-kontro-ezamijiet li fadal kif ukoll ghax-xhieda tal-Ispettur ***"N"***. Il-Qorti laqghet it-talba u dan b'digriet tal-24 t'Ottubru 2003.

Rat il-verbal  tat-3 ta' Dicembru 2003 a fol 201 tal-process fejn Dr. Farrugia ddikajarat li l-provi maghluqa. Dr. Stephanie Galea iddikjarat li jonqos seduta wahda ghall-kontro-ezami tal-konvenut fejn ghandhom jinghalqu l-provi u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-12 ta' Frar 2004.

Rat ir-rikors ta' l-attrici (10) datat 5 ta' Dicembru 2003 a fol 203 tal-process fejn talbet lill-Qorti sabiex joghgobha tawtorizza korrezzjoni ghac-citazzjoni fuq premessa billi tizdied talba ohra fis-sens li "tawtorizzaha tirreverti ghal kunjom xbubitha u cioe` ***"F'"*** u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotazzjoni relativa. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni rikjesta u dan b'digriet tad-9 ta' Dicembru 2003.

Rat ir-rikors ta' l-attrici (11) datat 12 ta' Jannar 2004 a fol 206 tal-process fejn l-attrici talbet lill-Qorti sabiex joghgobha tawtorizza taghlaq il-provi imsemmija fis-seduti premessi. Il-Qorti laqghet it-talba bid-digriet taghha tat-13 ta' Jannar 2004 u ordnat n-notifika ta' dan ir-rikors u d-digriet lill-kontro-parti u lill-Perit Legali a spejjes attrici.

Rat ir-rikors ta' l-avukat Dr Lorraine Schembri Orland ghall-attrici (12) datat 6 ta' Frar 2004 a fol 209 tal-process fejn l-esponenti talbet il-protezzjoni ta' din il-Qorti u twiddiba kontra il-konvenut  sabiex ma jimmolestax jew b'ebda mod jhedded jew idejjaq lill-istess esponenti, salv kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun. Il-Qorti ordnat n-notifika lill-kontro-parti b'jumejn zmien ghar-

risposta. Rat li permezz tal-verbal tat-18 ta’ Ottubru 2005 Dr Schembri Orland irrelevat li dan l-istess rikors gie sorvolat. Il-Qorti ghalhekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta’ l-istess, b’dan li l-konvenut ghandu dejjem igib ruhu sew fil-konfront ta’ kulhadd specjalment lid-difensuri tal-kontro-parti.

Rat in-nota ta’ l-Assistent Gudizzjarju datata 9 ta’ Frar 2004 a fol 212 tal-process fejn talbet lill-Qorti direzzjoni dwar il-prosegwiment tal-kawza.

Rat in-nota fil-5 ta’ Marzu 2004 ta’ l-Assistent Gudizzjarju fejn ordnatilha biex tkompli bis-seduti odjerni u ordnat n-notifika ta’ din in-nota lid-difensuri tal-partijiet b’jumejn zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta’ l-attrici datata 17 ta’ Marzu 2004 a fol 215 tal-process.

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 17 ta’ Marzu 2004 a fol 216 tal-process.

Rat id-digriet tal-24 ta’ Marzu 2004 a fol 217 tal-process fejn il-Qorti ordnat li l-Assistent Gudizzjarju ghandha zmien l-ahhar seduta ghal konkluzjoni tal-kontro-ezamijiet u x-xhud ghandu jirrispondi biss ghad-domandi lilu maghmula, u l-Assistent Gudizzjarju ghandha tiehu kontroll tas-seduta, u dan prevja kull ordni opportun li tista’ tinghata ‘il quddiem ghal disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti.

Rat il-verbal tat-12 ta’ Frar 2004 fejn b’ordni tal-Qorti il-kawza giet differita ghall-4 ta’ Mejju 2004.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Deborah Farrugia u d-dokumenti hemm esebiti, tat-30 ta’ April 2001 fejn xehdu: ***“O”*** prodott mill-attrici**,** ***“P”*****,** ***“Q”*****,** ***“R”*****,** ***“S”*****,** (fol 220 sa 225); tat-28 ta’ Gunju 2001 fejn xehed ***“T”*** (fol 226 u 227)**;** tad-9 ta’ Lulju 2001 fejn xehdu: ***“U”*** prodott mill-attrici**,** ***“V”*****,** ***“W”*****,** ***“X”*** (fol 228 u 236); tat-30 ta’ Jannar 2002 fejn xehdet **l-attrici** ***“A”*** (fol 238); tat-30 ta’ April 2002 fejn xehdu: **l-iSpettur** ***“Y”*** prodott mill-attrici**, P.L. Adrian Borg** (HSBC) u **Paul**

**Gambina** (BOV) (fol 239 sa 241); tas-17 ta’ Lulju 2002 fejn xehdu: l-**Ispettur** ***“Y”*** prodott mil-attrici**, l-Ispettur** ***“Z”*****,** ***“AA”*** (ETC), **Mira Van Deputte** (HSBC) (fol 242 sa 249); tad-9 ta’ Ottubru 2002 fejn xehdu: ***“AA”*** prodott mill-attrici u **Paul Gambina** (fol 250 u 251); tat-13 ta’ Novembru 2002 fejn xehed **Paul Gambina** prodott mill-attrici (fol 257 sa 261); tat-28 ta’ Jannar 2003 fejn xehdet **l-attrici** ***“A”*** (fol 263 sa 265); tat-3 ta’ Marzu 2003 fejn xehdu: **Paul Gambina** (BOV) prodott mill-konvenut**,** ***“BB”*** (HSBC), **Norbert Bartolo** (APS) prodott mill-partijiet, (fol 266 sa 270); tat-18 ta’ Marzu 2003 fejn xehdu: ***“BB”***, **Paul Gambina,** u ***“CC”*** prodott mill-konvenut (fol 270 sa 275), tas-7 ta’ Mejju 2003 fejn xehdet ***“BB”*** prodotta mill-konvenut, (fol 276 u 277), tad-29 ta’ Mejju 2003 fejn xehdu: ***“DD”*** prodott mill-attirci u **l-attrici** ***“A”*** in kontro-ezami, (fol 278 sa 283), tal-11 ta’ Gunju 2003 fejn xehdu: ***“EE”*** (CEO ta’ Polidano Brothers) prodotta mill-attrici u ***“BB”*****,** (fol 284 sa 288); tat-8 ta’ Ottubru 2003 fejn xehed: ***“K”*** (fol 289 sa 296); tat-12 ta’ Novembru 2003 xehed: ***“FF”*** (Spettur) prodott mill-attrici, (fol 298 sa 301); tal-1 ta’ Dicembru 2003 xehdet l-**attrici** ***“A”*** in kontro-ezami u l-**konvenut** ***“D”*** in kontro-ezami, (fol 302 sa 307); tad-9 ta’ Dicembru 2003 fejn xehed il-**konvenut** ***“D”*** in kontro-ezami, (fol 308 sa 313); tal-21 ta’ Jannar 2004 u tal-5 ta’ Frar 2004 fejn kompla jixhed il-**konvenut** ***“D”*** in kontro-ezami, (fol 315 sa 334); tat-28 ta’ April 2004 xehdet l-**attrici** ***“A”*** in ri-ezami u l-**konvenut** ***“D”*** in kontro-ezami, (fol 335 sa 342).

Rat il-verbal tal-4 ta’ Mejju 2004 (fol 784) fejn il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju biex tirritorna l-ispoll. Id-difensuri talbu li jaghmlu nota. Dr. Schembri Orland talbet li tipprezenta nota t’osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u ppreffiggiet terminu ta’ tletin (30) gurnata lill-attrici biex tipprezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollhom tletin (30) gurnata biex jirrispondu. Therese Micallef infurmat lill-Qorti li ghadha ma thallsitx. Il-kawza giet differita ghall-hlas tar-rapport ghall-15 ta’ Gunju 2004.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 3 ta’ Gunju 2004 a fol 785 sa 800 tal-process li permezz taghha esebiet *errata corrige* ghax-xhieda dattilografata ta’ l-Assistent Gudizzjarju.

Rat ir-rapport ta’ Therese Micallef a fol 801 sa 805 tal-process.

Rat il-verbal tal-15 ta’ Gunju 2004 a fol 897 tal-process fejn is-*social worker* Therese Micallef halfet ir-rapport u nfurmat lill-Qorti li thallset. Il-Qorti ordnat sabiex il-minuri jiehdu l-kura ndikata fir-rapport tas-*social worker tramite* tal-Agenzija Appogg a spejjez bin-nofs bejn il-partijiet. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghas-27 ta' Ottubru 2004.

Rat il-verbal tas-27 ta’ Ottubru 2004 fejn din l-kawza giet differita ghall-10 ta’ Marzu 2005.

Rat ir-rikors tal-konvenut (6) tad-9 ta’ Novembru 2004 a fol 811 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tordna illi l-manteniment pagabbli fil-konfront tal-minuri jigi ridott ghal wiehed u tletin lira (Lm31), u dan wara li jinqata’ l-manteniment pagabbli fil-konfront tal-minuri ***“B”***, ghar-ragunijiet premessi. Il-Qorti ordnat n-notifika tar-rikors lill-kontro-parti b’gimgha zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta’ l-attrici datata 6 ta’ Dicembru 2004 a fol 818 tal-process fejn il-Qorti cahdet it-talba u dan b’digriet tas-6 ta’ Jannar 2005.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 6 ta’ Dicembru 2004 a fol 822 tal-process li permezz taghha esebiet kopja ta’ sentenza.

Rat in-nota ta’ tas-*social worker* Therese Micallef datata 9 ta’ Dicembru 2004 li tinsab a fol 825 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici (12) datat 28 ta’ Jannar 2005 a fol 827 sa 834 tal-process, u d-dokumenti mehmuza fejn l-esponenti talbet lill-Qorti biex joghgobha; (1) taffidalha wahidha l-jedd li tiehu dawk id-decizzjonijiet li jirrigwardaw is-safar tat-tfal sakemm jghalqu l-maggor eta`; (2)

tawtorizzaha sabiex wahidha, u minghajr il-htiega ta' ebda firma min-naha tal-konvenut, tapplika ghal u tottjeni l-hrug ta' passaporti separati ghall-minuri ***"B"*** u ***"C"***, jew wahidha tottjeni it-tigdid ta' l-istess passaporti; (3) tordna r-revoka, thassir jew kancellament tal-annotazzjoni a pagna hamsa tal-passaporti tal-minuri (kopja hawn annessa DOK. "TI" "MG" – "MG"); (4) tawtorizzaha issiefer lill-imsemmija minuri ghal btala minghajr il-htiega ta' ebda awtorizzazzjoni ulterjuri mill-konvenut; Il-Qorti ordnat n-notifika lill-kontro-parti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat il-verbal tal-10 ta' Marzu 2005 a fol 837, fejn il-Qorti rat in-nota ta' l-Agenzija Appogg tad-9 ta' Dicembru 2004. L-attrici ddikjarat li hadet lit-tfal ic-*Child Guidance Unit* San Luqa u hadu l-kors li kellhom bzonn. Il-Qorti ordnat komunika ta' dan il-verbal lill-Agenzija Appogg sabiex tisma' l'osservazzjonijiet taghha. Gie verbalizzat li t-tfal ghandhom erbatax u sittax-il sena rispettivament. Il-konvenut ilu ma jarahom xi sitt snin. Il-fond matrimonjali nbiegh fil-bidu ta' din il-kawza. L-attrici ddikjarat li tahdem bhala pulizija. Il-konvenut jahdem bhala *sales person*. Kull ma hemm huwa l-manteniment tat-tfal. Il-manteniment *pendente lite*, ghall-minuri huwa ta' tnejn u sittin lira (Lm62) fix-xahar. Fil-prezent il-konvenut iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li jhallas tali manteniment. L-attrici ippretendiet mitt lira (Lm100) fix-xahar bhala manteniment. Dr. Graziella Bezzina tat ruha b'notifikata bir-rikors tat-28 ta' Jannar 2005 u dwar il-passaport dwar l-oggetti b'dan li d-difensur tal-kontro-parti tghaddilha kopja ta' l-istess rikors. Il-konvenut ma sabx oggezzjoni li l-minuri isiefru ghal btala. Il-Qorti cahdet l-ewwel talba; laqghet it-tieni talba; laqghet it-tielet talba; laqghet ir-raba' talba *stante* li l-konvenut ma joggezzjonax. Dwar ir-rikors tat-28 ta' Jannar 2005 il-Qorti ikkonfermat id-digriet taghha tal-1 ta' Frar 2005. Il-konvenut iddikjara li jaqla' sittin lira (Lm 60) fil-gimgha u huwa impjegat ma JJ Scerri. Id-difensuri talbu li jipprezentaw nota t'osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u ppreffiggiet it-terminu ta' erbghin (40) gurnata lill-attrici biex tipprezenta n-nota t'osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-konvenut li jkollu erbghin (40) gurnata biex jirrispondi. Il-

kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-18 ta’ Ottubru 2005.

Rat il-rikors (7) u d-dokumenti mehmuza tal-konvenut datat 30 ta’ Mejju 2005 a fol 843 sa 847 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tordna illi jigi sospiz provizorjament l-obbligu tal-konvenut li jivversa l-manteniment ordnat ghal uliedu, u dan minhabba l-fatt illi bhal issa m’ghandux impjieg, u fic-cirkustanzi taghti dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni. Il-Qorti ordnat n-notifika lill-kontro-parti b’jumejn zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta’ l-attrici datata 20 ta’ Gunju 2005 a fol 851 tal-process fejn il-Qorti, bid-digriet taghha tal-21 ta’ Gunju 2005, cahdet it-talba anke` *in vista’* ta’ dak verbalizzat fis-seduta tal-10 ta’ Marzu 2005.

Rat in-nota addizzjonali ghar-risposta ta’ l-attrici ghar-rikors tal-konvenut datata 21 ta’ Gunju 2005.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici (13) datat 28 ta’ Jannar 2005 a fol 857 tal-process fejn hija talbet lill-Qorti sabiex joghgobha tordna lill-istess konvenut sabiex jghaddi dawn l-oggetti, propjeta` tal-minuri lil ***“B”*** li llum ghalqet l-eta` ta’ 16-il sena f’Gunju 2004 jew lill-esponenti sabiex izzommhom ghall-interess iehor ta’ l-istess minuri. Salv kull provvediment iehor opportun. Il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b’erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ Lulju 2005 fejn minkejja li saret in-notifika tar-rikors u d-digriet baqghet ma giet prezentata ebda risposta, ghalhekk il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-istess *stante* li din mhix materja ta’ rikors *pendente lite*, b’dan irrakkomandat f’dak l-istadju sabiex tali oggetti jigu ritornati lura fl-ahjar interess tal-minuri, sabiex dawn ikunu jistghu jaghmlu uzu minnhom. Ordnat in-notifika ta’ dan id-digriet lill-konvenut u lill-Kummissarju tat-Tfal a spejjez attrici.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici (14) datat 24 ta’ Awissu 2005 fejn l-esponenti talbet lill-Qorti joghgobha tordna n-notifika ta’ l-

istess lill-konvenut wara l-hinijiet legali u f'kaz ta' riferta negattiva n-notifika ssir permezz tal-procedura ta' l-affissjoni. Il-Qorti akkordat limitatament ghan-notifika wara l-hinijiet legali.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut datata 12 ta' Settembru 2005 a fol 869 sa 876 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri ta' l-attrici bi twegiba ghal dik tal-konvenut datata (ipprezentata fit-12 ta' Settembru 2005) 3 ta' Ottubru 2005 a fol 878 sa 881 tal-process.

Rat il-verbal tat-18 ta' Ottubru 2005 fejn Dr Schembri Orland irrelevat li r-rikors tas-6 ta' Frar 2004 gie sorvolat. Il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess b'dan li l-konvenut ghandu dejjem igib ruhu sew fil-konfront ta' kulhadd specjalment tad-difensur tal-kontro-parti. Id-difensuri talbu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difett'ostacolo* ghat-30 ta' Marzu 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-kontendenti zzewgu fit-18 ta' Settembru 1986 (ara Dok. 'A') u illi mill-imsemmi zwieg kellhom iz-zewgt itfal minuri ***"B"*** u ***"C"*** li ghandhom 17-il sena u 15-il sena rispettivament. Jidher u jirrizulta li din il-familja ilha fl-inkwiet sew tant li ma ghadhiex tghix flimkien anke peress li l-istess konjugi bieghu d-dar konjugali taghhom fil-mori tal-kawza, kif l-istess partijiet iddikjaraw diversi drabi quddiem din il-Qorti. Din il-kawza hija kkaraterizzata b'pika esegerata bejn il-partijiet sa mill-bidu nett taghha u ma hemm ebda dubju li f'dan il-konflitt iddahhlu l-istess ulied bil-konsegwenzi negattivi li tali pika tista' u gabet fil-fatt maghha, kif jidher ukoll mir-rapporti esebiti minn diversi *social workers* li kienu inkarigati mill-Qorti sabiex

jiehdu hsieb ukoll l-interess ta’ l-istess minuri u hawn il-Qorti taghmel riferenza ghar-rapporti tas-*social worker* Norbert Cilia u ta’ Therese Micallef. Fuq kollox din il-Qorti tinnota li l-partijiet injoraw kwazi ghal kollox id-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili datat 16 ta’ Novembru 1999 Numru 1533/99 fejn il-Qorti hekk presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph David Camilleri fejn dak in-nhar il-kura u l-kustodja giet mghoddiha f’idejn l-attrici u dwar access il-partijiet kellhom jiftehmu bejniethom b’dan li *“u biex ahjar tissalvagwardja l-interess tal-minuri tinnomina lid-Direttur tal-Harsien tal-Familja sabiex jiddelega social worker biex isegwi l-kaz bl-iskop li jghin lill-partijiet biex jifhmu l-hsara attwali u potenzjali li tista’ ssir lill-uliedhom meta jinvolvuhom fil-litigji ta’ bejniethom u biex jipprovaw jissensitivizzahom aktar ghall-bzonnijiet psikologici ta’ uliedhom”.* (fol.7)

Illi fil-fatt jirrizulta li ghalkemm din il-Qorti pprovdiet anke ghall-access u fuq rakkomandazzjonijiet ta’ l-Agenzija Appogg tat id-direttivi necessarji sabiex jghinu lill-minuri, s-sitwazzjoni baqghet gravi bil-partijiet konsistentement jinvolvu lill-uliedhom fil-kwistjonijiet serji ta’ bejniethom u din il-Qorti thoss li kien hawn li l-istess genituri stess ghamlu hsara serja lill-istess minuri - u fuq dan din il-Qorti necessarjament kellha tiehu l-provedimenti li fic-cirkostanzi jidhru li huma idoneji fl-interess tal-minuri, anke minhabba l-eta’ taghhom.

Illi dwar il-kawza ta’ separazzjoni din il-Qorti thoss li meta hija tara bir-reqqa l-provi kollha migbura fl-atti processwali (il-process fih 883 pagna) l-allegazzjonijiet attrici gew fil-fatt ippruvati u l-konvenut irrenda ruhu hati *verso* l-attrici ta’ mohqrija, minacci, theddid u ngurji gravi li minhabba l-istess iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irremedjabbilment u l-kawza kbira ta’ dan kollu kien il-fatt li rrizulta minn din il-kawza li l-istess konvenut kien jerfa’ idejh ta’ spiss fuq martu u jidher li kellu karattru aggressiv mhux biss maghha, izda anke fuq ix-xoghol anke meta kellu l-kariga ta’ Pulizija u wkoll kien gie akkuzat li agredixxa lill-terzi; hemm xhieda li jikkoroboraw dan inkluzi membri tal-korp tal-Pulizija, u oht l-attrici ***“H”***, apparti certifikat mediku u rapporti lill-Pulizija; jigi wkoll

enfassizat li tali atti ta' vjolenza kienu jsiru quddiem l-istess ulied il-kontendenti li ma hemm ebda dubju li l-istess hallew impatt serju fuq l-istess ulied, u din hija wahda mir-ragunijiet il-kbar ghaliex l-istess ulied urew rilutanza li jmorru anke access, ghalkemm b'supervizzjoni ma' missierhom; dan apparti affarijiet ohra, inkluz nuqqas ta' hlas ta' manteniment u nuqqas ta' ko-operazzjoni tal-konvenut fil-konfront taghhom, li certament ma ghenx fir-relazzjoni ta' bejniethom.

Illi din il-Qorti tirreferi f'dan l-aspett ghall-affidavit attrici u x-xhieda taghha fejn l-istess attrici tispjega b'mod mill-iktar konvincenti l-martirju li ghaddiet minnu minhabba dan l-abbuz *da parte* ta' zewgha, u l-isforzi li kienet anke taghmel sabiex ma turi lill-hadd anke peress li hija kienet tghid li "tisthi" tghid b'dak li kien qed jigrilha u dan peress li hija kienet membru fil-Korp tal-Pulizija, u ghalhekk wiehed irid jifhem il-gravita' tal-problema tal-vjolenza domestika li din il-persuna kienet qed issofri, meta hija stess kienet taghmel parti minn Korp li jzomm id-dixxiplina u quddiem l-agir vjolenti tal-konvenut hija hasset ruhha umiljata u wkoll inkompetenti li taghmel xi haga, kemm minhabba l-biza' li kellha fuqha u kemm minhabba l-istat mizeru li hija hasset  li l-konvenut nizzilha fih.

Illi dwar it-tip ta' vjolenza li kienet qed tigi ezercitata fid-dar konjugali quddiem l-ulied, din il-Qorti tirreferi wkoll ghax-xhieda ta' ommha ***"GG"*** li tirrakonta li l-attrici kienet tahbi minnha dawn l-atti ta' vjolenza fil-konfront taghha izda wlied il-kontendenti kienu qalulha li tant kienu jibzghu minn missierhom li meta jarawh jirrabja ma' ommhom kienu jidhlu taht is-sodda; l-istess hemm ix-xhieda ta' oht l-attrici ***"H"*** li tikkonferma li kienet taf li l-attrici kienet qed tigi aggredita tant li kkorroborat il-versjoni ta' l-attrici li l-istess attrici kienet izzomm xaharha qasir sabiex zewgha ma kienx jigbidha minnu (fol. 34). Hemm ukoll ic-certifikat mediku datat 9 ta' Dicembru 1989 – Dok. "MG 1";

Illi dan l-agir sahanistra halla effett negattiv qawwi fuq ulied il-konvenut stess tant li hemm ic-certifikat mediku ta' Dr. Joseph R. Saliba datat 28 ta' Settembru 2000 fejn qal li wahda mit-tfal ma kenitx trid tara lil missierha u dan kien

dovut ghal dak li sejjah bhal li l-istess minuri *"has a very negative perception of past family events and of the role that her father played on these".* Dwar ***"C"***, Dr. Wilfred Galea kiteb fis-27 ta' Lulju 2000 li *"she has severe anxiety, fear that something sinister will happen to her mother and sister and is terrified of the thought of being seen by her father. She also expresses her anger towards her father which she sees as the cause of her plight and for her family's distress".* (fol.60).

Illi din l-aggressivita' tal-konvenut kienet manifestata mhux biss id-dar izda wkoll fuq il-post tax-xoghol tieghu fejn per ezempju skond ix-xhieda ta' ***"HH"*** fit-30 ta' April 2001 jghid li l-istess konvenut meta kien jahdem fil-korp kellu 8 kazi ta' dixxiplina (Dok. "NF 1") u dan sakemm huwa rrezenja fil-5 ta' Ottubru 1988; tghid li l-istess konvenut kellu wkoll kaz kriminali kontra tieghu; hemm ix-xhieda ta' ***"II"*** fejn tirrakonta zewg incidenti li sehhew lill-attrici fis-26 ta' Frar 1999 u fl-10 ta' Novembru 1999 u fl-ahhar incident l-istess Pulizija kienu sabu bieb imkisser, li wliedu kien sakkru lilhom infushom gewwa kamra fuq u l-istess xhud tghid li *"l-konvenut kien kellimha b'aggressivita' jghajjat kemm jiflah u lanqas biss gharafni (jiena kont is-surgent tieghu). Niftakar illi WPC XX kienet semghet l-ghajjat minn barra u dahlet tara x'kien gara. Dan kien jghajjat maghna kollha. Beda jghajjat sabiex nitilqu 'l barra. Huwa kien ukoll qed jghajjat ma'* ***"A"****, kien il-hin kollu bit-tghajjir".* (fol. 223); hemm ukoll ix-xhieda ta' ***"R"*** dwar l-istess incident ta' l-10 ta' Novembru 1999 u ta' PS ZZ li esebixxa rapporti li saru mill-attrici kontra l-konvenut u dawn bhala Dokumenti "AZ 1" sa "AZ 18". Jirrizulta wkoll li l-istess konvenut kellu problemi wkoll fuq ix-xoghol l-iehor li kellu wara li spicca minn Pulizija u wkoll problemi ohra.

Illi minbarra dan jirrizulta wkoll li l-istess konvenut kien izomm lill-attrici u lil uliedu fil-bzonn, u in effetti jidher li mhux l-ewwel darba li ma hallasx il-manteniment ordnat mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili u dan minkejja li l-istess konvenut dejjem kellu fondi sabiex jaghmel dan, anke minhabba li kellu l-flus li l-koppja dahhlet mill-bejgh tad-dar konjugali u wkoll minhabba d-diversi depoziti li l-istess konvenut kellu, hafna minnhom li kien izomm minghajr ma

taf martu; dan apparti li kellu diversi mpjiegi li wkoll ma kienx jibza' ghalihom kif jirrizulta mir-ragunijiet ghaliex spicca minn tali mpjiegi; dan apparti li hemm provi li kemm-il darba hedded lill-attrici u lil nisha u wkoll saret il-prova li ngurja gravament lil martu b'adulterju anke f'din il-kawza u permezz tax-xhieda tieghu, izda dwar dan ma' gab l-ebda prova sabiex b'xi mod jikkorrobora dan. Illi fid-dawl ta' dan kollu l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi dwar it-tieni talba ma hemm l-ebda lok li jinghata f'dan l-istadju manteniment ghall-attrici u dan peress li hija llum ghandha mpjieg u ntrojtu taghha, izda jibqa' d-dritt taghha li titlob manteniment skond il-ligi jekk jinqala' l-kaz; dwar manteniment ta' l-ulied dawn qed jghixu ma' ommhom u qed jigi mantnuti minnha, izda din il-Qorti thoss li l-istess konvenut ghandu jikkontribwixxi ghall-istess manteniment taghhom u dan fl-ammont ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150) kull erba' gimghat bil-quddiem b'effett mid-data ta' din is-sentenza pagabbli lill-attrici ghan-nom ta' l-istess minuri u dan fir-residenza taghha u dan billi l-istess ammont jinqata' direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u jintbaghat direttament lill-attrici fir-residenza taghha u f'dan is-sens u sa hawn qed taqbel mas-sottomissjonijiet attrici u tichad u tirrespingi dawk tal-konvenut; fl-istess waqt il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici l-arretrati kollha ta' manteniment skond id-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 16 ta' Novembru 1999 sad-data ta' din is-sentenza.

Illi dwar l-attitudini tal-minuri lejn missierhom anke waqt il-visti taghhom mieghu hemm ir-rapport ta' Norbert Cilia datat 13 ta' Mejju 2002 u dwar kura u kustodja tat-tfal minuri din il-Qorti tirreferi ghar-rapport tas-*social workers* ta' l-Agenzija Appogg fejn jidher car li l-istess minuri ***"B"*** li twieldet fis-26 ta' Gunju 1988 u ***"C"*** li twieldet fl-4 ta' Novembru 1990 ma jridhux jaraw lil missierhom u minhabba c-cirkostanzi kollha tal-kaz u anke *in vista* ta' l-eta' ta' l-istess minuri, din il-Qorti thoss li huwa fl-interess tal-minuri li x-xewqa taghhom tigi rispettata b'dan li l-istess minuri qed jinghataw fil-kura u kustodja ta' l-istess attrici u bl-ebda mod l-istess minuri ma ghandhom jigu sforzati

sabiex jaraw jew jiltaqghu ma' missierhom; pero' din il-Qorti qed tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex l-istess Agenzija permezz ta' *social worker* u persuni professjonali jaghtu l-ghajnuna kollha necessarja lill-istess minuri u dan anke skond ir-rapport redatt mis-*social worker* Therese Micallef datat 22 ta' Lulju 2003, u biss jekk l-istess minuri jew wahda minnhom turi x-xewqa lill-istess Agenzija Appogg li trid jew iridu li jkun hemm access mal-missier, dan ghandu jsir biss taht supervizzjoni fil-bini ta' l-Agenzija Appogg ta' darba fil-gimgha ghal siegha wahda biss. Tordna lill-attrici sabiex tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg u Kummissarju tat-Tfal.

Illi dwar ir-raba' talba din ghandha tigi milqugha u l-**artikolu 48 tal-Kap 16** qed jigi applikat kontra l-konvenut.

Ill dwar ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti din qed tigi milqugha u din il-Qorti tordna x-xoljiment ta' l-istess b'effett mis-16 ta' Novembru 1999 u kwantu ghall-likwidazzjoni u divizzjoni ta' l-istess u wkoll minhabba dak premess u b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** u *arbitro boni viri* tordna li d-divizjoni u l-assenjazzjoni ta' l-istess issir bil-mod segwenti:

Illi l-konvenut qed jigi assenjat il-kontijiet, l-assi u investimenti kollha bankarji li tirrizulta mix-xhieda prodotta u li huma elenkati fin-nota ta' osservazzjonijiet attrici f'paragrafi 38, 39, 40, 41 u 42 u 47, 48 ta' l-istess, li huwa ghandu f'ismu u li din il-Qorti thoss li l-maggior parti minnhom gie ppruvat li hbiehom lill-attrici, b'dan pero' li ghandu jhallas lill-attrici s-somma ffissata *arbitro boni viri* fl-ammont ta' dsatax-il elf lira Maltija (Lm19,000) bhala sehemha mill-istess bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament. Mill-bqija kull parti ghandha zzomm kull depositu iehor bankarju mhux hemm specifikat u kull parti ghandha thallas kull dejn li hemm fuq *credit cards* intestati f'isimha.

Illi l-konvenut ghandu jzomm il-mobbli u l-vetturi li attwalment jinsabu intestati u licenzjati fuqu b'dan li ghandu jhallas lill-attrici bhala sehemha mill-istess l-

ammont ulterjuri ffisat *artbitro boni viri* fl-ammont ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000).

Illi dwar proprjeta' parafernali ta' l-attrici, jigi ddikjarat li porzjoni diviza ta' art maghrufa bhala Ix-Xaghra tal-Makakk, Bahrija tappartjeni lill-attrici, u huma taghha wkoll l-ammont ta' Lm12,300, rikavat mill-bejgh tad-dar tal-genituri taghha, li l-istess attrici tiddikjara li gja jinsabu fil-pussess taghha, u li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici l-ammont ta' hamest elf lira Maltija (Lm5,000) (ammont iffisat *arbitro boni viri)* u fi zmien ghoxrin gurnata mid-data ta' din is-sentenza jirritorna lill-attrici fir-residenza taghha l-oggetti tad-deheb indikati f'paragrafu 24 (h) tan-nota ta' osservazzjonijiet attrici datata 3 ta' Gunju 2004 u dan kollu per *saldo* tal-krediti parafernali taghha kontra l-konvenut naxxenti minn dak li jirrizulta mill-atti processwali u indikati f'paragrafu 24 'a', 'b' u 'g' tan-nota ta' osservazzjonijiet taghha, u l-pretensjonijiet l-ohra tal-partijiet qed jigu hawn michuda.

Illi mill-bqija kull parti tibqa' zzomm dak li effettivament ghandha fil-pussess taghha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak fuq deciz, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba u tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut u dan peress li l-istess kien hati verso l-attrici ta' mohqrija, minacci, theddid u ngurji gravi u li minhabba dan l-agir iz-zwieg tkisser irremedjabbilment.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-ulied minuri fuq imsemmija l-ammont ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150) kull erba' gimghat

bil-quddiem (Lm75 ghal kull wild) u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza pagabbli lill-attrici ghan-nom ta' l-istess minuri u dan fir-residenza taghha u dan billi l-istess ammont jinqata' direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u jintbaghat direttament lill-attrici fir-residenza taghha; fl-istess waqt tordna li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici l-arretrati kollha ta' manteniment ghall-istess minuri skond id-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 16 ta' Novembru 1999 sad-data ta' din is-sentenza. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-manteniment ghall-attrici peress li attwalment u prezentament tahdem.

3. Taffida l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri f'idejn l-attrici b'dan li bl-ebda mod l-istess minuri ma ghandhom jigu sforzati sabiex jaraw jew jiltaqghu ma' missierhom; pero' din il-Qorti qed tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex l-istess Agenzija permezz ta' *social worker* u persuni professjonali jaghtu l-ghajnuna kollha necessarja lill-istess minuri u dan anke skond ir-rapport redatt mis-*social worker* Therese Micallef datat 22 ta' Lulju 2003, u tipprovdi li biss jekk u fil-kaz li l-istess minuri jew wahda minnhom turi x-xewqa lill-istess Agenzija Appogg li trid jew iridu li jkun hemm access mal-missier, dan ghandu jsir biss taht supervizzjoni fil-bini ta' l-Agenzija Appogg ta' darba fil-gimgha ghal siegha wahda biss. Tordna lill-attrici sabiex tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg u Kummissarju tat-Tfal.

4. Tilqa' din it-talba u tapplika kontra l-konvenut l-effetti u komminazzjonijiet previsti mill-**artikolu 48 tal-Kap 16**.

5. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mis-16 ta' Novembru 1999 u kwantu ghall-likwidazzjoni u divizzjoni ta' l-istess u wkoll minhabba dak premess u b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** u *arbitro boni viri* tordna li d-divizjoni u l-assenjazzjoni ta' l-istess issir bil-mod segwenti ndikat iktar 'il fuq fl-istess sentenza u cjoe':

Illi l-konvenut qed jigi assenjat il-kontijiet, l-assi u investimenti kollha bankarji li jinsabu fuq ismu u li

jirrizultaw mix-xhieda prodotta u li huma elenkati fin-nota ta’ osservazzjonijiet attrici f’paragrafi 38, 39, 40, 41 u 42 u 47, 48 ta’ l-istess, b’dan pero’ li din il-Qorti tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ffisata *arbitro boni viri* fl-ammont ta’ dsatax-il elf lira Maltija (Lm19,000) bhala sehemha mill-istess, bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament. Mill-bqija kull parti ghandha zzomm kull depozitu iehor bankarju jew investiment mhux hemm specifikat u kull parti ghandha thallas kull dejn li hemm fuq *credit cards* intestati f’isimha.

Illi l-konvenut ghandu jzomm il-mobbli li jinsabu fil-pussess tieghu u l-vetturi li attwalment jinsabu ntestati u licenzjati fuqu u ghalhekk l-istess qed jigu assenjati lilu b’dan li ghandu jhallas lill-attrici bhala sehemha mill-istess l-ammont ulterjuri ffisat *artbitro boni viri* fl-ammont ta’ elfejn lira Maltija (Lm2,000).

Illi dwar proprjeta’ parafernali ta’ l-attrici, jigi ddikjarat li porzjoni diviza ta’ art maghrufa bhala Ix-Xaghra tal-Makakk, Bahrija tappartjeni lill-attrici, u huma taghha wkoll l-ammont ta’ tnax-il elf u tliet mitt lira maltija (Lm12,300), rikavat mill-bejgh tad-dar tal-genituri taghha, li l-istess attrici tiddikjara li gja jinsabu fil-pussess taghha, u l-Qorti tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici l-ammont ulterjuri ta’ hamest elf lira Maltija (Lm5,000) (ammont iffisat *arbitro boni viri)* u li fi zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jirritorna u jaghti lura lill-attrici fir-residenza taghha l-oggetti tad-deheb indikati f’paragrafu 24 (h) tan-nota ta’ osservazzjonijiet attrici datata 3 ta’ Gunju 2004 u dan kollu per *saldo* tal-krediti parafernali ta’ l-attrici kontra l-konvenut naxxenti minn dak li jirrizulta mill-atti processwali u ndikati f’paragrafu 24 ‘a’, u ‘b’ u ‘g’ tan-nota ta’ osservazzjonijiet taghha premessa, u b’dan li l-pretensjonijiet l-ohra tal-partijiet qed jigu hawn michuda.

Illi mill-bqija kull parti tibqa’ zzomm dak li effettivament ghandha fil-pussess taghha.

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba peress li d-dar matrimonjali giet mibjugha.

7. Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe` ***"F"*** u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotazzjoni relattiva.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

Din il-Qorti tordna li fl-interess tal-minuri ma jigux ippubblikati l-ismijiet tal-partijiet u tal-familjari taghhom u tax-xhieda konnessi maghhom.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------